MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2003

Appell Kriminali Numru. 285/2002

Il-Pulizija
(Spettur A.P. Miruzzi)
Vs

Alfred Azzopardi

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :
1) bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-istess Att, fl-4 ta' Mejju 2001, ghall-habta tas-7.20 p.m. fit-Trade Fair, Naxxar, naqas, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu, li taghti jew tipproduci ricevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 ta' l-

Erbatax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-Artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 82 (2) ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998;
2) u aktar talli fl-istess zmien u fl-istess post, naqas, jew hu jew impjegati tieghu jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom tieghu li taghti jew tipproduci ricevuta ta' taxxa f'ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, u 3 tal-Erbatax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-Artikoli 51 u 77 (a) u (e) u 82 (2) ta' l-Att nru. XXIII ta' l-1998.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Novembru, 2002, li biha, wara li rat l-Artikolu 51, 77 (a) u (e) u 82 (2) ta' l-Att XXIII ta' l-1998 u l-partiti 1, 2, 3, u 10 ta' l-Erbatax-il Skeda li tinsab ma' l-istess Att, sabet lill-imputat hati ta' l-akkuza kif dedotta kontra tieghu w ikkundannatu ghall-piena ta' LM200 multa.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-19 ta' Novembru, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w konsegwentement tilliberah minn kull imputazzjoni w piena.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni fis-seduta tal-lum;

Ikkunsidrat:

Illi kif jidher mill-istess dikjarazzjoni verbalizzata fis-seduta tal-lum tal-Ufficjal Prosekutur, fic-cirkostanzi, ma tistax tinstab htija kontra l-appellant ghaliex irrizulta li l-bejgh kien qed isir minn impjegat part-time tas-socjeta' A. Azzopardi Limited li hija s-socjeta' li kienet registrata mal-VAT Department u li n-numru tar-registrazzjoni taghha jidher kemm fuq il-"Letter to Prosecute" kif ukoll fuq il-komparixxi.

Illi in vista ta' dan il-verbal tal-Prosekuzzjoni li din il-Qorti taqbel mieghu, din il-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tilqa' l-Appell. Ghaldaqstant l-appell qed jigi milqugh u s-sentenza ta' l-ewwel Qorti qed tigi revokata u l-appellant qed jigi liberat minn kull imputazzjoni w piena.

---------------------------------TMIEM---------------------------------